2018

# Il-Kriterji tal-Assessjar

# *IL-MALTI*

## IS-7 SENA (MEDJA)

malti.skola.edu.mt

# L-Assessjar Kontinwu - Il-Kitba - 7 sena (10% minn 40%)

L-għalliema jridu jagħtu l-marka finali tal-assessjar fuq ix-xogħol identifikat għall-assessjar wara prova jew tnejn għal kull ġeneru ta' kitba. Dejjem skont l-esiġenzi tal-klassi. Il-prova tista' tingħata bħala xogħol għad-dar imma dak għall-assessjar irid isir fil-klassi.

Il-ġeneri tal-kitba huma:

| Rotta 3 | Rotta 2 | Rotta 1* |
|---|---|---|
| Xi forma ta' pjan għall-kitba (K1) | Xi forma ta' pjan għall-kitba (K1) | Xi forma ta' pjan għall-kitba (K1) |
| Kepxin (K3) | Kepxin (K3) | Kepxin (K3) |
| inventarju (K4) | Struzzjonijiet / proċessi / direzzjonijiet (K4) | **Rakkont fuq stampa** (K5) |
| **rakkont fittizju** (K5) | **rakkont fittizju** (K5) | Messaġġi u stediniet (K6) |
| **kitba ta' djarju** (K6) | **kitba ta' djarju** (K6) | Ittra lil sħabi (K6) |
| kitba ta' poeżija (K7) | **intervista** (K9) | **Kitba ta' djarju/journal** (K7) |
| **intervista** (K9) | **Kitba ta' testi fattwali** (K11) | **Tkomplija ta' djalogu** (K10) |

***Il-bqija tal-ġeneri li hemm fis-sillabu l-ġdid iridu jsiru xorta imma ma tinżammx marka għall-assessjar kontinwu.**

**Dawk li huma fil-grassett huma meqjusa bħala l-kitbiet twal. Ara t-tabella għall-ammonti ta' kliem.**

L-għalliema jridu jfasslu lezzjonijiet li fihom jgħallmu u jiddiskutu mal-istudenti:

- il-karatteristiċi ewlenin tal-ġeneru tal-kitba li jkunu ser jagħtu;
- billi jippreżentaw mudelli biex l-istudenti janalizzaw u jiskopru dawn il-karatteristiċi;
- billi jagħmlu diskussjoni fuq il-kontenut u kif jiġi żviluppat pjan,
- jgħallmu l-proċess tal-kitba, speċjalment fejn jidħol l-editjar qabel il-pubblikazzjoni u ħwejjeġ oħra li jgħinu lill-istudenti biex jaslu għal kitba tajba.

L-evidenza, jiġifieri l-karta tat-taħriġ li tintuża mill-istudenti, trid tinżamm fil-fajl tal-istudent u l-għalliema meta jassessjaw iridu jirrapportaw dan il-progress fuq il-programm elettroniku **MySchool (MIS) jew l-e1**, u li l-ġenituri jkunu jistgħu jaċċessawh kull term.

## It-Tqassim tal-Marki għall-Kitba twila (25 marka)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **IL-ĠENERU (2)** | | | |
| **It-tqassim skont kif jitlob il-ġeneru** | **0** | **1** | **2** |
| | Bla tqassim | Ftit tqassim | It-tqassim kollu mistenni |
| **IL-KONTENUT (13)** | | | |
| **L-iżvilupp tal-ideat** | **0-1** | **2-3** | **4-5** |
| | Ftit ideat u ripetuti bi ftit rabta mat-tema | Għadd ta' ideat b'xi ripetizzjonijiet u marbuta mat-tema mhux dejjem u għal kollox | Ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti |
| **Is-sekwenza/koerenza u rabta bejn il-partijiet** | **0** | **1** | **2** |
| | Kitba bla ebda rabta bejn il-partijiet; b'sekwenza ħażina jew ma teżistix | Ftit rabta minkejja li xi drabi ma tkunx ċara jew diretta u mhux dejjem ikun hemm sekwenza ċara | Il-kitba ssegwi minn parti għall-oħra b'mod naturali u b'sekwenza tajba |
| **L-istil** | **0** | **1** | |
| | Bla ebda stil u ma tidhirx li hija kitba | Hemm stil mexxej u li ssegwi tajjeb | |
| **L-espressjoni u l-lessiku** | **0** | **1-2** | **3** |
| | Kitba li ma fihiex espressjonijiet u lessiku nieqes | Għadd ta' espressjonijiet u firxa ta' lessiku limitat marbut mat-tema | Kitba mimlija espressjonijiet mexxejja u b'lessiku wiesa' |
| **L-eċċellenza fil-kitba** | **0** | **1** | **2** |
| | Kitba mhux ta' kwalità u oriġinali | Kitba li tersaq lejn kwalità tajba u l-oriġinalità | Kitba ta' kwalità u oriġinali |
| **IL-METALINGWA (10)** | | | |
| **Il-punteġġjatura** | **0** | **1** | **2** |
| | Bla sinjali bażiċi tal-punteġġjatura | Għadd ta' sinjali bażiċi nieqsa jew użati ħażin | Il-punteġġjatura bażika hija użata tajjeb minkejja xi nuqqasijiet żgħar |
| **Is-sintassi** | **0** | **1** | **2** |
| | Is-sentenzi sempliċi huma nieqsa mill-elementi bażiċi | Użu mħallat tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi bi ftit li xejn żbalji | Użu mħallat bla żbalji tal-binjiet kollha differenti ta' sentenzi |
| **L-ortografija** | **0-1** | **2-3** | **4** |
| | Kitba li fiha bejn 9-12-il żball differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 4-8 żbalji differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 3 żbalji differenti |
| **Il-morfoloġija** | **0** | **1** | **2** |
| | Kitba li fiha ħafna ta' żbalji grammatikali | Kitba li fiha ftit li xejn żbalji grammatikali | Kitba li ma fihiex żbalji grammatikali |

# It-Tqassim tal-Marki għall-Kitba qasira (12-il marka)

| IL-ĠENERU (2) | | | |
|---|---|---|---|
| **It-tqassim skont kif jitlob il-ġeneru** | **0** | **1** | **2** |
| | Bla tqassim | Ftit tqassim | It-tqassim kollu mistenni |
| **IL-KONTENUT (13)** | | | |
| **L-iżvilupp tal-ideat** | **0-1** | **2** | **3** |
| | Ftit ideat u ripetuti bi ftit rabta mat-tema | Għadd ta' ideat b'xi ripetizzjonijiet u marbuta mat-tema mhux dejjem u għal kollox | Ħafna ideat ċari u sodi li jirriflettu s-suġġett minn angoli differenti |
| **L-espressjoni u l-lessiku** | **0** | **1** | **2** |
| | Kitba li ma fihiex espressjonijiet u lessiku nieqes | Għadd ta' espressjonijiet u firxa ta' lessiku limitat marbut mat-tema | Kitba mimlija espressjonijiet mexxejja u b'lessiku wiesa' |
| **IL-METALINGWA (10)** | | | |
| **Il-punteġġjatura u l-morfoloġija** | **0** | **1** | **2** |
| | Bla sinjali bażiċi tal-punteġġjatura u fiha ħafna żbalji grammatikali | Għadd ta' sinjali bażiċi nieqsa jew użati ħażin u fiha ftit li xejn żbalji grammatikali | Il-punteġġjatura bażika hija użata tajjeb minkejja xi nuqqasijiet żgħar u ma fihiex żbalji grammatikali. |
| **L-ortografija** | **0** | **1-2** | **3** |
| | Kitba li fiha bejn 9-12-il żball differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 4-8 żbalji differenti | Kitba li ma fihiex aktar minn 3 żbalji differenti |

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet - Kitba twila |
|---|
| **0 - 6 marki** - Kisba mhux milħuqa |
| **7 - 13-il marka** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **14 - 19-il marka** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **20 - 25 marka** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet - Kitba qasira |
|---|
| **0 - 4 marki** - Kisba mhux milħuqa |
| **5 - 7 marki** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **8 - 10 marki** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **11 - 12-il marka** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |

# L-Assessjar Kontinwu - Il-Qari - 7 sena (10% minn 40%)

## Testi Fattwali u Kitbiet Komunikattivi

L-assessjar għandu jinbena fuq għadd ta' xogħlijiet li fihom l-istudenti jitħarrġu fil-ħiliet partikulari tal-qari u l-fehim mill-qari, il-kitba u t-tweġib sewwa u sħiħ tal-mistoqsijiet, il-ħiliet fuq tiftix għat-tweġibiet bħal qari fid-dettall, scanning u skimming, u l-bqija.

It-testi magħżula għandhom ikunu **tal-inqas erbgħa (4**) li jinkludu:

**(Għandhom ikunu twal madwar R3 - 350 kelma / R2 - 325 kelma / R1 - 300 kelma)**

- **taħriġ il-fehim** minn qari ta' testi fattwali differenti, li jista' jittieħed minn artiklu f'gazzetta li jista' jinkludi wkoll il-grafika, bijografija, skedi li jistgħu jkunu minn oqsma xjentifiċi, sportivi, politiċi, soċjali, teknoloġiċi u l-bqija;
- **taħriġ il-fehim** minn qari ta' testi komunikattivi li fih direzzjonijiet / istruzzjonijiet, bħall-ittri elettroniċi, avviż/i, riklami, messaġġi, u l-bqija;
- **preżentazzjoni** miktuba ta' riċerka wara li jkun sar qari **(150-200 kelma)**;
- **taħriġ** li juri li l-istudent huwa midħla tal-konvenzjonijiet tal-qari u l-kotba stampati.

**(18-il marka kull taħriġ il-fehem*)**

## *L-Ortografija u l-Punteġġjatura għandhom ikunu mmarkati fit-taħriġ il-fehem

Għandu jkun hemm minimu ta' 2 marki għal kull taħriġ ta' fehim mill-qari li jingħataw lil dawk l-istudenti li ma jkollhomx (għadd minimu ta') żbalji ortografiċi fit-tweġibiet tagħhom u li jwieġbu b'mod xieraq b'sintassi ċara u li tiġġustifika l-marka mogħtija.

Dawn iż-żewġ marki għandhom jingħataw skont it-tweġibiet kollha tal-fehim mill-qari. Kull tweġiba mistennija tinkiteb b'Malti korrett. Mhux meħtieġ li l-mistoqsija jew parti minnha tkun ikkupjata fit-tweġiba.

| **It-tweġibiet kollha ma fihomx aktar minn 2 żbalji tal-ortografija.** | **1** |
|---|---|
| It-tweġibiet ma fihomx aktar minn 2 żbalji tal-punteġġjatura. | 1 |

| **Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet** |
|---|
| **0 - 6 marki** - Kisba mhux milħuqa |
| **7 - 12-il marka** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **13 - 16-il marka** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **17 - 20 marka** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |

It-testi tal-qari fattwali/kitbiet komunikattivi jistgħu jittieħdu kemm minn sorsi stampati kif ukoll dawk diġitali. Importanti li dejjem jiġi rikonoxxut is-sors minn fejn tkun ittieħdet is-silta.

Il-mistoqsijiet għandhom ikunu mħallta u ggradati li jinkludu għadd ta':

- **mistoqsijiet referenzjali** (it-tweġiba tittieħed direttament mit-test);
- **mistoqsijiet inferenzjali** (fejn it-tweġibiet jitolbu fehim indirett mit-test);
- **mistoqsijiet ta' fehim tal-idjoma, il-qwiel u l-lessiku Malti** skont kif użati fit-test.
- **mistoqsijiet/eżerċizzji** li jistħarrġu aspetti varji tal-**metalingwa** f'kuntest.

It-tipi tat-taħriġ jistgħu jkunu:

**Wieġeb fi kliemek, għażliet multipli, fisser/ikkummenta fuq xi punt tas-silta, veru jew falz, imla l-vojt, islet/sib mit-test, kompli tabella b'informazzjoni mit-test, kompli s-sentenza, sib it-tema ewlenija tat-test moqri, sekwenza ta' ġrajjiet/argumenti, u applikazzjoni ta' dak moqri f'kuntesti oħra.**

# Testi Letterarji (unseen texts)

It-testi magħżula għandhom ikunu **tal-inqas erbgħa (4**) li jinkludu:

- **taħriġ** li juri l-analiżi, l-apprezzament letterarju u r-reazzjoni mill-qari tan-**novelli**
- **2 taħriġiet** li juri l-analiżi, l-apprezzament letterarju u r-reazzjoni mill-qari tal-**poeżiji**
- **taħriġ** li juri l-analiżi, l-apprezzament letterarju u r-reazzjoni mill-qari tar-**rumanz**

**(15-il marka kull taħriġ)**

**(Għandhom ikunu twal madwar - Poeżija - 14-20 vers u Proża - 200 kelma)**

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet |
|---|
| **0 - 5 marki** - Kisba mhux milħuqa |
| **6 - 9 marki** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **10 - 12-il marka** - Kisba milħuqa b’mod sodisfaċenti |
| **13 - 15-il marka** - Kisba milħuqa b’mod sħiħ |

It-taħriġ li jingħata fl-analiżi letterarja m’għandux ikun maħsub biss biex jiġi assessjat l-għarfien tal-plott/il-ġrajja biss tat-test letterarju imma għandu jinkludi fatturi oħra ewlenin bħall-iżvilupp tal-karattri, iż-żmien, l-isfond, it-teknika użata, il-lessiku, it-ton tas-silta, l-figuri letterarji u l-bqija. Għandu jkun hemm ukoll mistoqsijiet li jitolbu r-reazzjoni u l-fehmiet raġunati tal-istudenti għal dak li jkunu qraw fit-test mogħti.

Huwa importanti li fil-klassi waqt il-lezzjoni tal-qari, speċjalment dak tal-proża, l-għalliema jaraw li

- jħeġġu u jqabbdu lill-istudenti biex l-ewwel qari tat-test/kapitlu jagħmluh minn qabel id-dar;
- waqt il-lezzjoni jiddedikaw il-ħin għal attivitajiet ta’ apprezzament letterarju.

Għalhekk fil-klassi:

- għandu jkun hemm biss il-qari ta’ siltiet partikulari mill-istudenti waħidhom, f’pari, fi gruppi, qari mgħajjat, u l-bqija.
- għandhom isiru attivitajiet ta’ tagħlim marbuta mal-analiżi u d-diskussjoni mhux biss tal-ġrajja imma anke mal-iżvilupp tal-karattri, l-isfond, l-istil, il-lessiku u l-espressjonijiet, l-implikazzjonijiet, ir-reazzjonijiet individwali u l-bqija...
- għandha ssir attività ta’ kitba (li tista’ tibda fil-klassi u titkompla d-dar) li ssaħħaħ dak li jkun sar fil-klassi. Din tista’ sservi għall-assessjar kontinwu.

# L-Assessjar Kontinwu - Is-Smigħ - 7 sena (10% minn 40%)

It-testi magħżula għandhom ikunu **tal-inqas tmienja (8**) **ta'** **<u>10 marki l-waħda</u>** li jinkludu:

- **4 testi fattwali** magħżula minn avviż/i, riklam/i, testi mill-ħajja ta'twissijiet/direzzjonijiet u tema mill-ħajja ta' kuljum, rakkonti, diskorsi, aħbarijiet
- **2 testi fittizji/mistħajla** li huma konverżazzjoni u djalogu;
- **2 testi letterarji** li jistgħu jkunu magħżula minn silta proża/storja, poeżija u lirika ta' kanzunetta Maltija.

It-testi jistgħu jkunu moqrija jew irrekordjati/podcasts u huwa rrakkomandat li jkun hemm bilanċ bejn in-numru ta' testi moqrija u dawk irrekordjati. Jista' jintuża l-viżwal (stampi jew filmat) fis-silta bħal meta tkun tema mill-aħbarijiet kurrenti.

It-testi tas-smigħ għandhom ikunu twal madwar:

**R3 - 350 kelma** / **R2 - 325 kelma** / **R1 - 300 kelma**.

Jiġu segwiti l-istruzzjonijiet li jitħaddmu fl-assessjar annwali tas-smigħ u li fuqhom <u>se jinħarġu linji gwida aktar 'il quddiem</u>. Għandu jkun hemm mistoqsijiet imħallta u gradati li jinkludu:

- **mistoqsijiet referenzjali** (it-tweġiba tittieħed direttament mit-test);
- **mistoqsijiet inferenzjali** (fejn it-tweġibiet jitolbu fehim indirett mit-test);
- **mistoqsijiet ta' fehim tal-idjoma u l-lessiku Malti** skont kif użati fit-test.

It-tip tal-mistoqsijiet jistgħu jkunu:

**Qabbel il-kolonni, għażliet multipli, kompli s-sentenza, imla l-vojt, veru jew falz, sib/ikkwota mit-test li smajt, imla t-tabella/skeda skont l-informazzjoni li smajt, wieġeb il-mistoqsija, u poġġi fl-ordni kif issemmew**.

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet |
|---|
| **0 - 3 marki** - Kisba mhux milħuqa |
| **4 - 6 marki** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **7 - 8 marka** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **9 - 10 marki** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |

# L-Assessjar Kontinwu - It-Taħdit - 7 sena (10% minn 40%)

**Isiru 2 preżentazzjonijiet fis-sena ta' 10 marki l-waħda**:

- Preżentazzjoni ta' **xeħta letterarja** skont il-kisbiet (K6)
- Preżentazzjoni ta' **xeħta kulturali** skont il-kisbiet (K4)

Jekk l-istudent se jkun qed jipprepara PowerPoint għall-preżentazzjonijiet tiegħu m'għandux ikollha kliem imma stampi biss. Jista' jżomm punti qosra fuq karta bħala gwida għal meta jkun qed jitkellem.

L-evidenza tal-preżentazzjonijiet tinżamm fil-fajl tal-istudent fejn jista' jitpoġġa l-materjal jew kopja tiegħu li jkun intuża eż. ppt, ċarts, stampi, mudelli, eċċ. għall-fini ta' moderazzjoni.

Għal din l-evidenza l-istudenti ma jiħdux marki. L-għalliem iżomm rekord tal-marki li jkunu ġabu l-istudenti fuq il-kompetenza tat-taħdit, il-ħila fl-użu tal-Malti, l-istruttura tad-diskors u l-kontenut ippreżentat.

| Tqabbil tal-Marki mad-Deskritturi tal-Kisbiet |
|---|
| **0 - 3 marki** - Kisba mhux milħuqa |
| **4 - 6 marki** - Kisba parzjalment milħuqa |
| **7 - 8 marki** - Kisba milħuqa b'mod sodisfaċenti |
| **9 - 10 marki** - Kisba milħuqa b'mod sħiħ |

Meta l-għalliema jassessjaw iridu jirrapportaw dan il-progress fuq il-programm elettroniku **MySchool (MIS) jew l-e1**, u li l-ġenituri jkunu jistgħu jaċċessawh kull term.

## Il-Kriterji tal-Assessjar tal-Preżentazzjoni tat-Taħdit bil-Malti

**Id-data tal-preżentazzjoni:** ______________________________ **Is-sena:** 7

**Il-Kisba:** _________________________ **It-tema:** __________________________________________

**Il-klassi:** ________________________________ **L-għalliem/a:** ____________________________

**L-istudent/a:** _____________________________

| Mhux milħuqa | Parzjalment milħuqa | Milħuqa b'mod sodisfaċenti | Milħuqa b'mod sħiħ |
|---|---|---|---|
| **1. Il-kompetenza fit-taħdit** | | | |
| **0**<br>Id-diskors **ma**<br>• jinstemax u ma jinftihemx sewwa;<br>• fihx pronunzja tajba;<br>• fihx intonazzjoni tajba;<br>• jagħmilx enfasi fejn meħtieġ. | **1**<br>Id-diskors **mhux dejjem**<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• għandu pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ. | **2**<br>Id-diskors **dejjem**<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• jinstema' bi pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ. | |
| **2. Il-lessiku** | | | |
| **0-1**<br>• Ħakma **limitata u ripetuta** tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Għadd kbir** ta' żbalji spissi fil-korrettezza grammatikali. | **2**<br>• Ħakma **tajba minkejja xi ripetizzjonijiet** tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Bi ftit żbalji** spissi fil-korrettezza grammatikali. | **3**<br>• Ħakma **tajba u varjata** ħafna bla ripetizzjoni tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• **Bi ftit li xejn** żbalji fil-korrettezza grammatikali. | |
| **3. L-istruttura tad-diskors** | | | |
| **0**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura mħawda** li ma jagħmlux sens;<br>• Ftit li **xejn ideat** u ħafna ripetizzjoni tal-istess waħda/iet<br>• **Bla ebda sens** ta' binja u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. | **1**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** imma xi drabi **ma jagħmlux sens mill-ewwel**;<br>• **Ftit ideat** li xi drabi jkunu ripetuti;<br>• **Ftit binja** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. | **2**<br>• Diskors b'sentenzi bi **struttura tajba** u li jagħmlu sens;<br>• **Għadd ta' ideat** bi ftit li xejn ripetizzjoni;<br>• **Binja tajba** u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad. | |
| **4. Il-kontenut ippreżentat** | | | |
| **0-1**<br>• **Ftit li xejn diskors korrett** marbut mat-tema;<br>• Fatti mogħtija **bla sekwenza;**<br>• **Qatt jew rari** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a. | **2**<br>• **Deskrizzjoni tajba u fil-parti l-kbira tagħha hi korretta** u taqbel mat-tema;<br>• sekwenza tajba **bi ftit żbalji** tal-fatti mogħtija;<br>• **xi drabi** jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a. | **3**<br>• **Deskrizzjoni tajba ħafna u korretta** mat-tema;<br>• **sekwenza tajba** tal-fatti mogħtija;<br>• **jingħataw** ukoll il-fehmiet tal-kelliem/a. | |
| **Total minn 10 marki** | ___________ | ________________________<br>**Firma tal-għalliem/a** | |